MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 102/2003

**Carmel Bajada u Ian Paul Bajada**

**vs**

**Joseph Caruana Curran Jr.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi fid-29 ta' Gunju 2003 ghall-habta tas-6.00p.m., waqt illi l-attur Ian Paul Bajada kien miexi matul Kercem Road u Mons. Luigi Vella Street, Victoria, fid-direzzjoni tac-centru ta' Victoria, bil-vettura GAT 443 proprjeta' ta' missieru Carmel Bajada, huwa safa' investit minn vettura FIAT VDM 111 misjuqa mill-konvenut illi kien gej minn Dawwara Street, fid-direzzjoni ta' Ghedrin Street. Illi l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut
, fost affarijiet ohra ghaliex huwa kien qed isuq b'velocita' eccessiva ghal-lokal; ghaliex huwa naqas jieqaf fuq 'stop sign', ghaliex (indipendentement mill-istop sign) huwa

naqas illi jaghti precedenza lil min kien fit-triq principali, u ghaliex huwa naqas illi jzomm ‘a proper look out’, kif sejjer jigi dettaljatement pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi per konsegwenza tal-incident l-atturi sofrew hsarat fil-vettura GAT 443 illi jammontaw ghal madwar seba’ mitt lira matija (Lm700). Illi minkejja illi originarjament il-kumpannija assikuratrici tal-konvenut uriet illi lesta taccetta ir-responsabbilita’ u thallas ghad-danni, dan ma sarx ghaliex il-konvenut baqa’ jirrifjuta illi jaccetta tali responsabbilita’.

Ghaldaqstant, dana t-Tribunal qieghed jigi mitlub sabiex jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo, u jikkundannah ihallas lill-atturi d-danni kollha minnhom sofferti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 22 ta’ Awissu 2003; u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-kumpannija assikuratrici tieghu.”

Ra r-risposta:

“Illi l-pretensjonijiet atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

1. Illi l-incident imsemmi fl-avviz sehh unikament responsabilita’ ta’ l-attur Ian Paul Bajada minhabba imperizja, traskuragni u ksur ta’ regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

2. Illi l-inqas m’huwa minnu li l-kumpanija assikuratrici ta’ l-esponenti accettat responsabilita’ dwar dan l-incident.

3. Illi ghalhekk il-konvenut m’huwa tenut ihallas l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju qed jigi kkontestat l-ammont li qed jigi reklamat mill-atturi bhala l-valur tad-danni subiti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema l-provi;

Ikkunsidra:

Il-habta sehhet f'inkrocju waqt li l-karozza tal-attur kienet ghaddejja bi dritt fi Triq Kercem u diehla fi Triq Mons Luigi Vella, liema triq hija prolungazzjoni ta' Triq Kercem izda idjeq b'mod li min ikun bhall-attur Ian Paul Bajada isuq fid-direzzjoni ta' Victoria fuq in-naha tax-xellug tat-triq, jista' jibqa'miexi dritt gewwa l-istess Triq Mons Luigi Vella li hija one-way u wiesa karreggjata wahda biss. Il-konvenut hareg minn Triq Id-Dawwara, li hija triq laterali ghal Triq Kercem, u habat bin-naha ta' quddiem tal-vettura tieghu mal-gemb tal-vettura tal-attur.

Apparti l-premess, mill-provi akkwiziti, jirrizulta s-segwenti:

1. Kercem Road hija triq ewlenija filwaqt li Triq id-Dawwara hija triq laterali u sekondarja u ghalhekk ma hemmx dubbju li l-attur Ian Paul Bajada kellu d-dritta. Il-konvenut jikkontendi li t-triq ewlenija hija Triq id-Dawwara imnejn kien ghaddej hu. Tabilhaqq, jekk xejn, dan juri kemm il-konvenut ma hux familjari mal-lokalita. Triq Kercem hija t-triq ewlenija ta' bejn il-Belt Victoria, Ghawdex, u r-rahal ta' Kercem. Din hija triq wiesa u dritta li tibda proprju mill-inkrocju fejn sehh l-incident. Ghall-kuntrarju, Triq id-Dawwara (jisimha maghha) hija idjeq u mghawwga. Fuq iz-zewg nahat tal-inkrocju hemm mizbughin stop-signs fuq il-gnub ta' Triq Kercem, u mhux ta' Triq id-Dawwara. Kif tajjeb issottomettew l-atturi, li Triq Kercem hija t-triq ewlenija jinstab affermat minn diversi sentenzi, bhal *Il-Pulizija vs Terry Joseph Camenzuli (Appell Kriminali 208/2003 deciz mill-Prim Imhallef V DeGaetano 23.04.2004; u Il-Pulizija vs William Calleja 29.10.2003).*

2. il-konvenut *ex admissis* ma waqafx fit-tarf tat-Triq id-Dawwara , izda baqa' hiereg ghal gewwa t-

triq principali. Applika l-brejk x'hin kien diga' fi Triq Kercem.

3. ghalkemm kellu d-dritta, l-attur Ian Paul Bajada, li kien is-sewwieq tal-vettura ta'missieru, xorta ha l-prekawzjoni li jirrallenta l-velocita' u jhares lejn iz-zewg toroq laterali li hemm fl-inkrocju msemmi, inkluza t-triq id-Dawwara. Dan ghamlu hekk kif kien fil-bidu tal-inkrocju. Billi ma ra li hadd gej, baqa'miexi, sema' hoss ta' brejk qasir, u hass il-habta.

4. bl-impatt, il-vettura tal-attur giet spustjata 1.4 metri.

5. Kif diga nghad, Triq id-Dawwara - isimha maghha - mhix dritta u ghalhekk min ikun hiereg minnha, bhall-konvenut, ma jkunx vizibbli minn sewwieq f'Kercem Road hlief fl-ahhar ftit metri. Fl-ahhar parti ta' Triq id-Dawwara kien hemm slow-sign (din ma tidhirx fl-iskizz ghax barra mill-area minnu koperta) u fejn din tizbokka fi Triq Kercem kien hemm stop-sign permezz ta' zebgha fl-art li izda kienet prattikament thassret fid-data tal-incident. Dan jispjega l-ghala l-attur ma lemahx lill-konvenut meta hares fid-direzzjoni ta' Triq id-Dawwara.

Ma hemmx ghalfejn jigu ripetuti l-principji li jirregolaw l-utenti ta' toroq sekondarji fil-konfront ta' dawk ewlenija. Il-konvenut, ghalkemm ma kinitx vizibbli l-istop sign, xorta wahda kellu l-obbligu li jieqaf u jesplora t-triq ewlenija qabel jaqsamha. Minflok huwa baqa' hiereg *ex abrupto* b'certa velocita', f'inkrocju ferm perikoluz, u bl-impatt qawwi rizultanti spostja l-vettura tal-attur lateralment bi kwazi metru u nofs. L-attur Ian Paul Bajada ha l-prekawzjonijiet kollha rikjesti minn *main road user* – prekawzjonijiet li kif ben maghruf huma ta' grad ferm inqas minn dak rikjest minn side-street user. It-Tribunal ma jistax jaccetta l-argument li m'ghamel xejn biex jevita l-incident. Il-mod kif il-konvenut hareg mit-triq laterali hadu b'sorpriza u ma tahx cans jaghmel xi manuvra evaziva. Anke kieku ra lill-konvenut gej, difficli wiehed jimmagina x'seta'jaghmel l-attur Ian Paul Bajada fic-cirkostanzi, ossia l-emergenza subitanea kkreata unikament mill-konvenut.

Dwar il-*quantum* tad-danni kif tajjeb issottometta l-konvenut jirrizulta mill-provi li dawn kienu ikbar mill-ammont ta’ LM700 pretiz fl-avviz tat-talba. It-Tribunal ghalkemm mhux marbut strettament bir-regoli tal-procedura civili applikabbli ghall-Qrati, xorta wahda m’ ghandux il-fakolta li jaghti iktar minn dak mitlub fl-att promotur tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’t-talbiet tal-attur billi jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident u konsegwentement jikkundannah ihallas lill-attur Carmel Bajada is-somma ta’ LM700 danni minnu subiti kawza tal-istess incident bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-22.08.2003 u tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------